# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA, LL.D**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Dicembru 2021

**<u>Rikors nru: 191/15 AGV</u>**

**AB**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 19 ta' Awwissu elfejn u hmistax fejn esponiet bir-rispett u ssottomettiet dan li gej bil-gurament:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Gunju 2010 u li minn dan iz-zwieg kienu twieldu zewgt itfal – d (3 snin) u ef (sentejn);

2. Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment stante illi l-konvenut rrenda ruhu hati versu l-attrici ta' servizzi, eccessi u ingurji gravi.

3. Illi minkejja li saru tentattivi tabiex jintlahaq ftehim bonarju anke tramite l-procedura ta' medjazzjoni, ma ntlahaq l-ebda ftehim u l-attrici giet awtorizzat tiftah din il-kawza.

4. Illi l-esponenti taf b'dawn ill-fatti personalment;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri d u ef esklussivament f'idejn l-attrici.

3. Tirregola l-access tal-konvenut ghall-minuri d u ef fl-ahjar interess tal-istess minuri.

4. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-esponenti u ghall-minuri fl-ammont iffissat u skond il-modalitajiet iffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 *in toto in parte.*

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenzi bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunika ta' l-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni.
7. Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi u/jew jirrifondi l-beni/fondi parafernali tal-attrici li jinsabu fil-pussess tieghu u jew intuzaw fil-proprjeta' parafernali tal-konvenut, okkorendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ukoll ir-risposta tal-mittenti datata 12 ta' Ottubru elfejn u hmistax fejn espona bir-rispett u ssottometta dan li gej bil-gurament:-

1. Illi in kwantu l-ewwel talba attrici, l-esponent jikkonferma li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment pero' kuntrarju ghal dak li qed jigi sottomess mill-attrici, dana gara minhabba ragunijiet serji imputabbli lill-attrici stess, u dana kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk din it-talba ghanda tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici;

2. Illi rigward it-tieni talba attrici, l-esponenti jikkontendi illi l-attrici m'hijiex fil-kundizzjoni li tigi fdata lilha l-kura u kustodja tal-minuri d u ef dan ukoll minhabba ragunijiet serji li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kura u l-kustodja tal-istess ulied ghandha tigi fdata lill-esponenti bi dritt t'access supervizjonat da parti tal-attrici fil-konfront tal-minuri d u ef u bil-hlas tal-manteniment ghall-istess minuri lill-intimat skond kif iffissat minn dina l-istess Onorabbli Qorti u ghaldaqstant it-tielet u r-raba' talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda ukoll bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

4. Illi fi kwalunkwe kaz ir-raba' talba ma tistax tigi milqugha kif dedotta u dan in vista tal-fatt illi l-ulied minuri mhumiex debitament rapprezentanti f'din il-procedura.

5. Illi fir-rigward tal-hames talba attrici, id-disposizzjonijiet imsemmija mill-istess attrici ghandhom jigu applikati kontra l-istess attrici skond kif

jidrilha xieraq u gust dina l-istess Onorabbli Qorti u ghal din ir-raguni ukoll, it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici;

6. Illi fir-rigward tas-sitt talba, l-esponenti ma jsibx oggezzjoni a spejjez tal-attrici u minghajr pregudizzju ghal dak li jinsab provdut taht l-Art. 48, 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili ta' Malta in toto jew in parte, a spejjez tal-attrici.

7. Illi fir-rigward tas-seba' talba attrici, l-esponenti jiddikjara li m'hemmx beni/fondi parafernali tal-attrici li jinsabu fil-pussess tieghu u/jew li intuzaw fil-proprjeta' parafernali tal-konvenut li ghandhom jigu restitwiti lura minnu lill-istess attrici. Ghaldaqstant tali talba ghandha tigi michuda ukoll bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

8. Illi l-esponenti jiddikjara li, kontestwalment ma' din ir-risposta guramentata huwa qed jipprezenta rikors mahluf f'ismi proprju u a nom u in rappresentanza ta' uliedu fil-konfront tal-attrici permezz ta' liema qieghed jitlob, inter alia, li l-firda personali bejn il-partijiet tigi dikjarata esklussivament ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici odjerna u li l-kura l-kustodja tal-ulied minuri Michael u John Paul tigi fdata lilu.

9. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza tal-25 ta' Mejju, 2017 fejn il-Qorti xoljiet il-komunjoni tal-akkwisti.[1]

Rat ir-Rapport tal-Avukat tat-tfal Dr.Stephanie Galea, datat 7 ta' Settembru, 2016.[2]

Rat in-nota kongunta datata 12 ta' Frar, 2019, fejn il-partijiet kienu qablu dwar modalita' ta' access versu l-minuri.

**FATTI**

1. Il-partijiet iltaqghu meta kienu fuq xoghol tal-volontarjat gewwa l-Italja fl-2005, fejn kien hemm nies ta' diversi nazzjonalitajiet. Meta l-konvenut spicca l-progett tieghu, bdew johorgu flimkien.
2. Wara dan iz-zmien kienu ddecidew li l-attrici tigi lura Malta u tmur toqghod mieghu. L-attrici tispjega li l-genituri tal-konvenut kienu jindahlu hafna u meta l-konvenut xtara dar vicin taghhom, ma tantx kienet kuntenta.

   L-attrici tispjega li l-konvenut kien wieghdha li meta tigi Malta setghet tkompli bl-istudji taghha fl-Universita', izda meta giet setghet biss tahdem bhala cleaner u care worker. Il-konvenut kien baqa' jghidilha li ghandha tibqa' pazjenti.

   Ghall-habta tal-2006 kien tgharrsu. Pero' wara hafna sar jaf li tul dan iz-zmien, l-attrici kellha relazzjoni ma' ragel li kien 25 sena ikbar minnha u kien l-imghallem taghha. Dan huwa kkonfermat mill-attrici stess.

[1] Fol. 350 tal-process
[2] Fol 677

Kienet minn wara daharu anke siefret mieghu u marru l-Polonja flimkien. Kien anke xtralha oggetti prezzjuzi, kif ukoll fwejjah u giojellerija u kien anke jaghtiha rigali tal-flus. Dan kollu ammettietu l-attrici mieghu. Kienet riedet titilqu sabiex tmur tghix ma' dan ir-ragel, li fuq kollox kien ragel mizzewweg u bi tfal ikbar mill-attrici.

Il-konvenut jistqarr li kien ghadu jhobbha u fl-ahhar iddecidiet li ttemm ir-relazzjoni ma' dan ir-ragel u bdew imorru ghat-terapija. Kienu marru xi sitt darbiet counselling sessions ghand ta' Kana. Il-konvenut skond l-attrici kien sar ossessjonat b'dina r-relazzjoni u meta ma felahx izjed, kien telaqha ghax ma setax jaccetta li kienet infidila lejh. Skond l-attrici beda jkollu hafna tfajliet peress li kien jghallem l-Ingliz lill-istudenti.

Sadanittant, l-attrici marret tahdem bhala waitress Cafe' Cordina u kienet tahdem kuljum. Tghid li l-konvenut kien jehodilha l-paga u t-tips biex ikopri l-ispejjez tad-dawl u ilma u bil-bqija biex ikun jista' jhallas lill-genituri tieghu s-self li kienu tawh. Ghalkemm kienet tbati bhala waitress, l-attrici damet tlett snin tahdem Cordina. Il-konvenut kien riedha turih li kienet iddedikata ghalih u ghalhekk wara gurnata xoghol, kienet tmur tnaddaf u tiehu hsieb il-post. Kienet totalment iddedikat ruhha ghalih u taghmel dak li ried hu sabiex tikkonvincih li seta' jafdaha u jahfrilha.

Minn dan iz-zmien jidher li r-relazzjoni stabbiliet ruhha u kien xtara residenza f'B'Kara f'ismu u b'flusu.[3] L-attrici tghid li kienet warrbet xi flus u rnexxielha tixtri art il-Polonja.

[3] Dok. A

Fl-2009, il-konvenut kien staqsiha biex jizzewgu u dak iz-zmien halliha tmur tahdem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Kienu ddecidew li jizzewwgu fis-6 ta' Gunju, 2010, izda ftit qabel l-attrici kienet stqarret mieghu li kienet infertili, izda kienet thobbu u ma riditx titilfu. Kienet ghamlet it-testijiet il-Polonja. Il-konvenut jammetti li kien hadha bil-kbira u kien insista li terga' taghmel it-testijiet sabiex tikkonferma dak li kienu qalulha u fil-fatt irrizulta li fil-fatt kienet fertili, tant li fiz-zwieg twieldu zewgt itfal.

L-attrici tispjega li ftit wara li welldet l-ewwel tifel taghhom, il-konvenut gabilha studenta tghix maghhom u kellha tiehu hsieb issajrilha u dan meta kienet imhabbta bit-tarbija.

Skond l-attrici, fl-istess zmien li twieled it-tifel taghhom d, il-konvenut kien rega' beda jattendi l-Universita' u kien beda jirregistra biex jiehu r-relief u fl-istess hin kien jaghti l-lezzjonijiet privati. Ma kienx jghinha d-dar u ma kienx jridha tohrog, izda tiehu hsieb it-tfal biss u jekk ma kinitx tobdi, l-attrici tghid li kien jibda  jghajjat maghha.

Kellhom zwieg felici sas-sena 2015, meta l-attrici regghet bdiet tahdem bhala LSA mal-Young Adult Education Resource Centre, Wardija. Beda jinduna li l-attrici kienet bdiet tevitah, titlaq mid-dar kmieni filghodu u tqatta' hafna hin fuq il-kompjuter.

Il-konvenut ighid li kien ikkonfronta lill-attrici li ghall-bidu innegat li kien hemm xi problemi imma mbaghad qaltlu li riedet tibqa' mieghu sakemm it-tfal jaghlqu tmintax-il sena. Innegat li kien hemm ragel iehor, izda kienet qaltlu li fil-futur ma kellhiex l-intenzjoni li tibqa' fidila lejh, pero' xorta wahda kien qed ikollhom relazzjonijiet intimi. Meta kien jipprova jikkonvinciha sabiex jirrangaw, kienet qaltlu li ma setghetx tirranga qabel ma tkellem il-psikologa li kienet giet appuntata

mill-Qorti. Eventwalment kienet ammettiet mieghu li kien hemm ragel iehor u dan rega' kien l-imghallem taghha, gh u dan kien mizzewweg ukoll bit-tfal.

Bir-rabja kien zvoga fuq Facebook kontra dan ir-ragel u spicca resqu l-Qorti u kkonferma li dak li qalet l-attrici ma kienx minnu, izda frott l-imaginazzjoni taghha. L-attrici tikkonferma li wara li ddecidiet li tissepara u kienet infurmatu ghall-habta ta' Mejju, 2015, kien ghamel ghaliha.[4] Tikkonferma li l-konvenut kien baghat diversi posts minn Facebook lill-kollegi taghha jakkuzaha li ghandha relazzjoni mal-imghallem taghha. Kien ghalhekk li dan kellu jiftah proceduri mal-Pulizija kontra l-konvenut, li minn naha tieghu skuza ruhu b'post fuq Facebook, filwaqt li qal li kienet l-attrici li kienet thobb lill-imghallem taghha u dan sabiex titlef l-impjieg taghha.[5] Fil-fatt, kienet giet trasferita l-iskola ta' St.Theresa, f'B'Kara. Imbaghad, l-attrici tghid li l-konvenut skuza ruhu maghha talli kien imbarazzaha.[6]

L-attrici ssemmi ukoll li kien hemm incidenti fejn il-konvenut kien vjolenti maghha u dan meta darba kienet qed titkellem ma' habiba taghha u darb'ohra meta kienet xtrat karozza second hand.

**Skond il-konvenut**, l-attrici bdiet b'sensiela ta' akkuzi foloz li kien qed ikun aggressiv maghha. Ma nnegatx li kienet qed tagixxi hekk fuq parir li kienu tawha l-kollegi taghha u kien talabha biex tieqaf. Kien tkellem mad-diversi organizzazzjonijiet ghall-counselling, izda l-attrici qatt ma uriet interess. Skond l-attrici saret taf li bhala impjegata tal-Gvern kellha dritt tmur counselling b'xejn u hekk ghamlet peress li kienet

[4] Dok. B u C anness mal-affidavit tal-attrici.
[5] Dok. E, F anness mal-affidavit tal-attrici.
[6] Dok. G, H, I anness mal-affidavit tal-attrici

ghajjiet bl-attitudni tal-konvenut, li riedha dejjem taghmel dak li ried hu. Iktar bdiet tinduna li kienet assoggettata ghal relazzjoni abbuziva u bdiet torqod kmieni mat-tfal.

Il-konvenut jispjega ukoll li ghall-habta ta' Mejju, 2015 kien sab pakkett pilloli li kienu l-pillola kontracettiva u dak iz-zmien ma kienux intimi. Hija semmietlu li kienet qed tehodhom minhabba problemi fil-menstrwazzjoni.

F'Lulju, 2015, l-attrici tikkonferma li kienet kriet post B'Bugia u kienet tqatta' hin hemmhekk sabiex it-tfal ikollhom naqra paci. Sadanittant, kellha provi li l-konvenut xorta kien baqa' jkollu relazzjonijiet mal-istudenti tieghu.

L-attrici tghid li ma setghetx tissapporti tghix izjed mal-konvenut peress li kienet ilha zmien twil tigi mmanipulata. Anke fejn jirrigwarda flus kien jeholdilha l-flus u jpoggihom fil-kont bankarju tieghu. Bhala hwejjeg kienu kollha second hand li kienu jircievu minghand il-familja tal-konvenut u ghat-tfal minghand il-kugini peress li l-konvenut ma kienx irid jonfoq.

Wara li rcieva l-kawza ta' separazzjoni, kien beda jissuspetta li l-attrici ghandha problemi psikologici minhabba l-mod kif kienet tagixxi. Kienet ikkonfermat mieghu li kienet qed tara psikologa wara li giet riferita minn fuq ix-xoghol fejn kienet tahdem bhala LSA fi skola. Ammettiet ukoll li xi ghaxar snin qabel hija kienet tbati minn depressjoni akuta u dan wara r-relazzjoni taghha ma' Reno Meli. Skond ma qaltlu kienet qed tbati minn post traumatic stress disorder u kienet tixrob u kien biss fil-konvenut li kienet sabet wens.

Kien ipprova jikkonvinci lill-familjari taghha sabiex jigu jaghtuha sapport, izda ma ridux jigu anke jekk kien ippreparat li jhallsilhom l-ispejjez.[7]

Jghid li l-attrici kienet ilha tippjana li titilqu u kienet hadet xi affarijiet mid-dar. Kienet ukoll bdiet taghmel posts fuq Facebook kontrih, tghid li hu narcissist u ragel abbuziv, imbaghad kienet waqfet bl-intervent ta' habib komun taghhhom.[8]

Ghall-habta ta' Jannar/Frar 2016, l-attrici kienet hadet it-tfal maghha fl-appartament li kienet qed tikri f'Birzebbugia bil-konsegwenza li kien qed ikollha tqajjimhom kmieni sabiex imorru l-iskola B'Kara.

Problema ohra li kellha l-attrici kienet kapriccuza u kienet tberbaq il-flus u minkejja li kellha l-paga taghha qatt ma kienet thallas ghall-kontijiet. Sakemm iddecidiet li tissepara, l-attrici qatt ma kienet tuza l-flus li kellha fil-kont bankarju taghha.

**<u>Kura u Kustodja</u>**

Il-konvenut jibza' li l-attrici titlaq lura lejn il-Polonja jekk tinghata l-kura u kustodja tat-tfal, fejn ukoll missierha kien sentenzjat prigunerija u ghandu ukoll problema ta' alkolizmu. Apparti minn hekk ighid li hi mhix omm ezemplari u responsabbli u tilbes b'mod indecenti quddiem it-tfal. Tqatta' hafna hin fuq Facebook, bil-konsegwenza li ma ssajjarx ikel bnin ghat-tfal u jispiccaw jieklu l-helu biex izzommhom kwieti. Ghalkemm qed ighixu kollha fl-istess dar, l-attrici ma taghmel xejn. Il-konvenut jahsel il-hwejjeg u jsajjar lit-tfal, kif ukoll jnaddaf, waqt li l-

[7] Dok. F
[8] Dok. G

attrici tuza s-servizzi tad-dar. Fuq kollox jhoss li ghandha problemi psikologici bil-mod kif tireagixxi.

Il-konvenut jinsisti li hu jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tat-tfal u jehodhom u jigborhom mill-iskola u jwassalhom fejn hemm bzonn u joqghod maghhom jekk ikunu ma jifilhux. Dan huwa possibbli minhabba x-xoghol tieghu, ghalliem tal-Ingliz fejn huwa flessibbli bil-hinijiet tieghu. Ghall-kuntrarju l-hinijiet tal-attrici huma fissi. Fis-7 ta' Marzu, 2016, kienet addiritura nfurmatu li mill-gimgha ta' wara ma setghetx izomm lit-tfal izjed kull nhar ta' Tnejn u Erbgha u ghar-raguni li tat kien minhabba x-xoghol.

Jsostni li hu ghandu jigi fdat bil-kura u kustodja tat-tfal peress li ghandu hafna ghajnuna mill-familjari tieghu, kif ukoll ighix vicin tal-iskola li jattendu. Involut li jehodhom ghall-attivitajiet extra-kurrikulari, fosthom futbol mal-klabb tal-Mosta u r-reading club fil-Kunsilli Lokali, B'Kara u qed iheggighom jinvolvu ruhhom izjed fil-muzika.

Il-konvenut ikkonferma li jamministra kontijiet bankarji tal-minuri.[9]

Il-verzjoni attrici hija totalment kontrastanti peress li tghid li l-konvenut jrid jaghmel ta' bir-ruhu li hu missier idejali, mentri fil-fatt hu dejjem jiehu lit-tfal ghand ommu li ghandha 70 sena u tiehu hsieb neputijiet ohra. Tinsisti li hi thallas ghall-ispejjes edukattivi tat-tfal u anke dawk medicinali. Tghid li l-konvenut lanqas isajrilhom u jgib lit-tfal id-dar tard  u ghalhekk ghandha tigi fdata bil-kura u kustodja tat-tfal.

**MANTENIMENT**

[9] Doc S

Il-konvenut jinsisti li m'ghandhomx ihallsu manteniment lil xulxin u dan peress li jahdmu t-tnejn u effettivament l-attrici taqla' izjed minnu. L-attrici ukoll tikkonferma li mhux qed titlob ghall-hlas ta' manteniment ghaliha, salv jekk tispicca bla impjieg. Lanqas m'ghandu jhallas lill-konvenut peress li hu jahdem ukoll.

Jekk tigi akkordata l-kura u kustodja tal-minuri jghid li jkun gust li l-attrici tikkontribwixxi ghall-manteniment taghhom fis-somma ta' €150.

**<u>Dar Matrimonjali</u>**

Dwar id-dar matrimonjali jghid li dina hija parafernali u ghandha tigi assenjata lilu.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Il-konvenut jghid li kulhadd ghandu jkun responsabbli ghad-dejn li ghamel, filwaqt li kulhadd ghandu jzomm il-kontijiet bankarji tieghu u l-istess ghall-vetturi u jzomm il-vettura IBP 907, filwaqt li l-attrici zzomm il-vettura JBB 363. L-attrici zzid tghid li peress li l-vettura taghha ghandha valur anqas minn dik tal-konvenut ghandu jhallas id-differenza. Tal-konvenut tghid li tiswa €12, 000.

L-attrici diga' hadet l-oggetti mobbli taghha. L-attrici xtrat proprjeta' l-Polonja bil-flus li qalghet mix-xoghol hawn Malta u dan qabel ma zzewgu.

L-attrici ukoll qed tippretendi sehemha minn spejjes li hallset sabiex thallset il-loan li hadu  minghand missier il-konvenut. Miz-zmien li hadmet ghand Cordina kienet qalghet cirka €39,000 u dawn kollha ghaddiethom lill-konvenut u minnhom uzaw ghall-ikel u ghas-safar.

Tghid ukoll li kienu rcevew €9,000 bhala rigali tat-tieg u t-tieg kien sewa €6,000. Id-differenza thallset lill-missier il-konvenut minhabba s-self, flimkien mat-€3,000 li tawha l-genituri taghha li marru ghall- istess self.

3. **Steven Baldacchino**, in rapprezentanza tal-**Banif Bank** ikkonferma li mir-ricerki li ghamel irrizulta li l-konvenut ghandu kont kurrenti u tlett fixed term accounts li lkoll ghandhom bilanc zero.[10]

   Izid ighid li wara li nghalqu t-term deposits, il-flus marru fil-kont kurrenti.

4. **Rebecca Micallef**, in rapprezentanza ta' **APS Bank** ikkonfermat li rrizultalhom kont f'isem l-attrici b'kumjomha xbubitha u l-bilanc huwa zero.[11]

   F'isem il-konvenut kien hemm zewg kontijiet maghluqa[12] u wiehed attiv.[13]

5. **Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-**Bank of Valletta plc**. tikkonferma li l-attrici ghandha kont wiehed li ghadu attiv. Kien infetah minn meta kienet xebba.[14]

   F'isem il-konvenut hemm sitt kontijiet, wiehed ghadu attiv (savings account)[15] u l-ohrajn huma maghluqin. Dawn jikkonsistu f'tnejn savings account[16] u tlett term accounts.[17]

---

[10] Dok. SB1 – SB 4
[11] Dok. RM 1
[12] Dok. RM 3-RM 4
[13] Dok. RM 2
[14] Dok. JB1
[15] Dok. JB 2
[16] Doks.JB 3-JB 4
[17] Doks. JB 5-JB 7

6. **Audrey Ghigo**, in rapprezentanza ta' **HSBC Bank Malta plc**. u rrizultaw is-segwenti kontijiet:-

i) Savings account li ghadu attiv;[18]

ii) Current account u ghadu attiv;[19]

iii) Term Deposit Account li huwa maghluq;[20]

iv) Savings Account li huwa maghluq;[21]

v) Term Deposit Account li huwa maghluq;[22]

vi) Savings account li huwa maghluq;[23]

vii) Term deposit Account li huwa maghluq;[24]

viii) Term Deposit Account li huwa maghluq;[25]

ix) Term Deposit Account li huwa maghluq;[26]

x) Term Deposit Account li huwa maghluq;[27]

xi) Term Deposit Account li huwa maghluq;[28]

xii) Term Deposit Account li huwa maghluq;[29]

xiii) Term Deposit Account li huwa maghluq;[30]

xiv) Savings Account li huwa maghluq;[31]

xv) Term deposit Account li huwa maghluq.[32]

---

[18] Dok. AG 1
[19] Dok. AG 2
[20] Dok. AG 3
[21] Dok. AG 4
[22] Dok. AG 4
[23] Dok. AG 5
[24] Dok. AG 6
[25] Dok. AG 7
[26] Dok. AG 8
[27] Dok.AG 9
[2828] Dok. AG 10
[29] Dok. AG 11
[30] Dok. AG 12
[31] Dok. AG 13
[32] Dok. AG 14

7. **Angolina Gauci**, hija ghalliema fil-**B'Bugia Primary School**, fejn l-attrici hija LSA fil-klassi taghha. Tghid li l-attrici hija ddedikata ghal xogholha u hija popolari mat-tfal peress li l-attrici hija gentili u ddixxiplinata mat-tfal.

   Izzid tghid li fl-10 ta' Ottubru, 2016, kienet indunat li l-minuri tal-partijiet, d kien mar l-iskola b'baskett imqatta', kif ukoll b'hwejjeg mahmugin u l-flixkun tal-ilma ukoll. Kienet taf li dik il-gimgha t-tifel kien qed jghix ma' missieru.

8. **Julian Cassar Torreggiani** jikkonferma li l-konvenut jahdem ma' Toro Company Ltd. li tiffunzjona bhala AM Language Studio. Il-konvenut huwa mpjegat bhala teacher casual part-time u ilu mpjegat minn Lulju, 2015. Ipprezenta l-payslips u l—FS 3's tal-konvenut.[33]

   Jikkonferma ukoll li l-konvenut jahdem hmistax-il siegha fil-gimgha u l-hinijiet huma rregolari, izda bejn id- 9 am u n-12.30 pm.

9. **Saviour Theuma**, in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali jikkonferma li l-konvenut jircievi unemployment assistance u social assistance.[34]

   L-attrici tircievi childrens allowance.[35]

10. **Joseph Saliba**, in rapprezentanza ta' Jobsplus, ipprezenta l-employment history tal-partijiet.[36]

[33] Dok. JCT 2- JC 24
[34] Dok. ST 1
[35] Dok. ST 2
[36] Dok. JS 1 – JS 2

11. **Karen Cremona** in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonfermat li l-attrici ghandha vettura rregistrata fuq isimha.[37]

Il-konvenut ghandu vettura rregistrata fuq ismu Skoda Fabia u kellu ukoll Maruti li giet scrapped.[38]

12. **IJ,** oht il-konvenut kienet hadet grazzja mal-attrici meta introducielha l-konvenut. Kienu jidhru bhala koppja idejali u ghalhekk kienet hadet qatgha meta kien qalilha li kellha relazzjoni mal-imghallem taghha u li ma riditx issalva z-zwieg.

Kienet issorprendiet ruhha li l-attrici kienet poggiet hafna posts kontra l-konvenut u akkuzatu li kien vjolenti maghha. Hafna minn dawn l-akkuzi kienu foloz u darba minnhom kienet mal-konvenut u ma setax kien vjolenti maghha.

Ghaliha l-konvenut huwa missier tajjeb u jiehu hsieb lil uliedu u jaghti hafna kaz l-edukazzjoni taghhom u anke jehodhom u jinvolvihom fl-isports bhal afutbol;. Jaqralhom hafna u jitghallmu l-muzika ukoll. Tichad li huwa abbuziv u li jixrob u huma allegazzjoni foloz da parti tal-attrici. Dwar hwejjeg mahmugin li jkunu libsin it-tfal, tichad peress li kemm il-darba tkun mieghu sabiex jixtru hwejjeg lit-tfal u dejjem xtralhom minn hwienet rinomati.

Issemmi incident li sehh fl-20 ta' Jannar, 2017, meta l-attrici kellha tigbor lit-tfal mill-Muzew, izda damet ma waslet. Meta t-tfal ikunu ma' ommhom, hafna drabi peress li t-tfal taghha jattendu l-istess attivitajiet, hafna drabi tasal tard bihom.

[37] Dok. KC 1
[38] DOk. KC 3

13. **Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, ipprezenta informazzjoni dwar il-fatt li l-attrici tircievi children's allowance tat-tfal.[39] Ipprezenta ukoll informazzjoni dwar il-beneficcji socjali li jircievi l-konvenut.[40]

14. **Raymond D'Amato**, Superjur tal-Muzew ta' B'Bugia kkonferma li l-minuri d kien jattendi l-Muzew regolarment la darba ghamel il-Precett. F'Settembru, 2018 ighid li kienet ghamlet kuntatt mieghu l-attrici sabiex tirregistra l-minuri d fil-Muzew ta' B'Bugia u kien ghaddielha l-formoli sabiex jimtlew u jigu ffirmati miz-zewg genituri, izda din qatt ma gabithom lura.

    Bejn Settembru, 2018 u Gunju, 2019, il-minuri d attenda hames sessjonijiet minn tmienja. Kienet imbaghad ikkomunikat mieghu l-attrici u qaltlu li t-tfal ma kienux qed jigu ghax il-konvenut ma kienx iffirmalha l-karti.

15. **Dr.Shirley Anne Gauci**, Kap tal-Iskola St.Francis Borma kkonfermat li l-attrici kienet thallas id-donazzjoni lill-iskola li mhix obbligatorja u kienet titlobhom ircevuta.[41]

    Tikkonferma li z-zewg genituri ghandhom access ghal students campus, li hija sistema online.

[39] Dok. ST1 a fol. 430
[40] Dok. a fol. 434

[41] Dok. SG 1 u SG 2

Dwar it-tfal tal-partijiet tghid li huma tfal ezemplari u ghandhom abilita' tajba hafna. Tikkonferma li taf iz-zewg genituri. It-tfal kienu jattendu l-iskola regolarment ukoll.[42]

16.**KL,** kienet ghand il-partijiet u semmiet li l-attrici kienet xorbot meta hadd ma kien qed MN jixrob, hlief ftit inbid. Dan gie ukoll ikkonfermat minn MN, tant li meta regghu marru ghandhom gimaghtejn wara kien talabha biex ma tohrogx alkohol u lanqas toffri lil martu.

17.**OP** kienet saret taf l-attrici fis-sajf 2004. Issemmi episodji fejn l-attrici kienet xorbot hafna u anke ssemmi li f'Ottubru, 2006, l-attrici kienet cemplitilha biex jmorru maghhom Paceville u li b'din il-harga riedet tferrah lill-konvenut peress li kienet waqghet f'dipressjoni u bil-kemm kienet tkellmu ghax kienet tinghalaq fil-kamra taghha.

18.**Fr. QR**, ilu habib tal-konvenut mis-sena 1999 u kien iccelebra z-zwieg taghhom. Jghid li kieku kien hemm problemi ta' vjolenza zgur ma kienx jaccetta li jiccelebra z-zwieg u fuq kollox dejjem ra lill-konvenut bhala persuna tajba u habib genwin. Izid jghid ukoll li l-konvenut kien jiftah qalbu maghha ghax kien ihobb lill-attrici u ried jara kif ser isalva z-zwieg tiegu. Kien iktar konvint li l-konvenut kien jigi abbuzat mill-attrici.

19.**Rev. Sr. ST** hija z-zija tal-konvenut. Tghid li huwa ragel semplici li jhobb il-bahar u l-kampanja. Kien anke generuz. Meta kellhom problemi kien fetah qalbu maghha u riedha tkellem lill-attrici, izda ma rnexxielix jikkonvinciha.

[42] Dok. SG 3 u sG 4

Kien sorpriz li l-attrici kienet marret ma' ragel iehor u kienet akkuzatu li kien vjolenti u aggressiv. Kienet anke bdiet takkuzah li jixrob, izda ma kienx minnu u kienu bdew jaghmlu l-inbid meta giet l-attrici f'hajtu.

Ighid li l-konvenut kien jiehu hsieb lit-tfal hafna u dejjem ta importanza lill-edukazzjoni taghhom.

20. **UV,** missier il-konvenut ighid li kienu laqghu lill-attrici f'darhom, izda bdew jinkwetaw meta saru jafu, li ftit wara li l-partijiet kienu tgharsu, l-attrici kellha relazzjoni mal-imghallem taghha u kienu hassru. Jghid li kien jipprova jikkonvinci lill-konvenut sabiex ma jirrangawx peress li kien qed jahsibha u injorah.

Jghid li l-attrici kienet talbitu jghinha u marru ghand avukat ghax riedet twaqqaf lill-konvenut milli jkompli jimmolestaha.

Izzewwgu wara hames snin u kienu jidhru kuntenti. Wara li kellhom it-tieni wild, l-attrici kienet bdiet tahdem u ftit wara nfurmatu li kienet ser titilqu biex tmur mal-imghallem taghha. Kienu ssuggerewlhom sabiex imorru counselling, izda l-attrici ma riditx tmur.

Isemmi kemm il-konvenut kien jiehu hsieb lit-tfal u jehodhom u jwasslhom l-iskola u kien ta' sapport kbir ghall-attrici meta kienet qed tistudja ghall-kors ta' LSA li kien filghaxijiet.

Missier il-konvenut jghid li ghandhom relazzjoni tajba mal-konvenut u uliedu. Il-konvenut jiddedika hafna hin ghall-edukazzjoni u passatempi taghhom.

Isemmi li l-attrici kienet bdiet tippersegwitah u tixrob. Bdiet taghmel akkuzi foloz kontrih li kien qed ikun vjolenti maghha. Kien hawn li l-

konvenut kien talbu sabiex imur joqghod ghall-perjodu ta' zmien maghhom sakemm ikkonvinca lill-attrici li d-dar hija parafernali u ghandha titlaq. Fil-fatt hekk ghamlet u lanqas biss talbet tara lil uliedha. Jinnega ukoll li l-konvenut kien qed ilibbes lit-tfal tieghu hwejjeg *second hand*. Kien konvint ukoll li l-attrici kienet qed taghmel *brain washing* fuq it-tfal.

21. **WX**, hu habib sew tal-konvenut ghaliex kienu studjaw il-psikologija flimkien fl-Universita'. Minn dejjem jaf lill-konvenut bhala bniedem stabbli u qatt ma kien jafu bhala persuna li jixrob u li jista' jkun vjolenti. Wara l-Universita' kienu baqghu in kuntatt u xi kultant zmien kienu jiltaqghu u anke bhala koppji. Kien jarahom kuntenti hafna u ghalhekk kien sorpriz meta l-konvenut qallu li l-attrici kellha relazzjoni mal-imghallem taghha. Il-konvenut kien donnu xxukkjat, ghalkemm ammetta mieghu li kien induna li l-attrici ma kienetx l-istess.

    Bhala habib taghhom iddecieda li jghinhom sabiex isalvaw iz-zwieg u sabiex jikkonvinci lill-attrici sabiex tieqaf tibghat posts fuq Facebook takkuza lill-konvenut li huwa persuna aggressiv. Ghalkemm kienet irrispondietu "*I am having so much fun*," kienet waqfet u mbaghad ibblukkjatu minn Faecbook.

22. **YZ** kien l-imghallem tal-attrici meta kienet tahdem mal-Wardija Resource Centre bhala LSA minn Jannar sa Lulju, 2015. Jikkonferma l-incident li semmiet l-attrici, fejn il-konvenut ghamel allegazzjonijiet fuq Facebook li hu u l-attrici qedghin f'relazzjoni. Minhabba li dan kien kollu falz kien irrapporta l-kaz lill-Pulizija li kienu hadu passi kontrih u quddiem il-Qorti ammetta li kien ivvinta kollox u skuza ruhu. Minhabba

li kien imbarazza lilu kif ukoll lill-attrici, din spiccat li kellha tmur tahdem gewwa skola dejjem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Jghid li dejjem jaf lill-attrici bhala persuna li tistinka u tal-affari taghha u kienet responsabbli hafna fuq xogholha.

23.**12,** tahdem bhala LSE u ilha taf lill-attrici ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. L-attrici hija persuna li tista' tafdaha, habbrieka u responsabbli. Tghid li l-attrici kienet kuntenta hafna meta kellha t-tfal u kienet tghozzhom. Kienet ukoll tibqa' lura hafna milli tattendi l-attivitajiet li kien ikollhom fuq ix-xoghol. Tghid ukoll li dak iz-zmien ma kellhiex karozza u sabiex tmur ix-xoghol kienet taqbad zewg karozzi tal-linja.

Fl-2016 regghu bdew jahdmu fl-istess skola u l-attrici kienet baqghet l-istess fejn kienet tipprova taghmel mill-ahjar sabiex toffri lil uliedha edukazzjoni tajba. Kienet thallas hafna mill-ispejjes hi mill-paga taghha ghal dak li jirrigwarda l-ispejjes relatati mal-iskola.

24.**34** ikkonfermat il-karattru responsabbli, habbrieki u l-qalb tajba tal-attrici u kemm hija omm ezemplari u f'dan peress li kienu jahdmu flimkien. Kienet anke tghallem lill-minuri D u l-imgieba tieghu kienet tidher li ghandu trobbija tajba. Kien dejjem nadif u pulit ghall-iskola u kien ikollu ikel tajjeb.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

**<u>ADULTERJU</u>**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Rose Gauci vs Salvatore Gauci”** (P.A. (RCP) 1 ta’ Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

***“… l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid illi “Kull parti mizzewga tista’ titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra”. Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet “Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe”. (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika”. (“Rosina Micallef vs Angelo Micallef” Prim’Awla Deciza -27 ta’ Gunju 1964)”.***

Il-partijiet it-tnejn qed jitolbu li jigu awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni u jitfghu l-htija fuq xulxin.

Il-konvenut jitfa’ hafna emfasi fuq il-fatt li l-attrici kellha relazzjoni mal-imghallem taghha u li kkommettiet adulterju. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuq dan il-fatt, izda l-istess adulterju sehh waqt l-gherusija u mhux fiz-zmien li kienu mizzewwgin, anzi kien sehh erba’ snin qabel.

Dan per se anke jekk jirrizulta, ma jistax jigi kkunsidrat bhala l-effett tas-separazzjoni. Semmai l-istess adulterju, fil-fehma ta’ dina l-Qorti wassal sabiex holoq fil-konvenut, dawk id-dubbji u incertezzi li dejjem tefghu dawl ikrah fuq l-attrici. Seta’ jkompli jafdaha?! Anzi pjuttost

jirrizulta li l-konvenut kien prattikament sar paranojku, li wasal sa anke iffissa li meta l-attrici bdiet tahdem mal-Gvern fic-Centru tal-Wardija, akkuza lill-attrici u l-imghallem taghha YZ li qedghin f'relazzjoni, sa anke wasal biex jitfa' posts fuq Facebook jghajjar lil dan Z, li spicca kellu jirraportah lill-pulizija. Il-konvenut, finalment quddiem il-Qorti talab skuza tal-agir tieghu u pprova jitfa' dawl ikrah fuq l-attrici, li hi kienet thobb lil Z effettivament u mhux li kien Zs li qed jigri warajha.

Ghandu jinghad li l-konvenut jimplika li l-attrici baqghet tipprova tkun infidilha lejh u dan meta kienet avzatu li ma riditx tibqa' mieghu ghal dejjem u kienet ser tittolera sakemm it-tfal jikbru ftit. Sab li kienet qed tiehu l-pillola kontracettiva, izda kienet qaltlu li dawn kienet qed tehodhom minhabba li kellha problema fil-menstruwazzjoni. Kien sab il-profil taghha fuq *dating website* ukoll. L-indikazzjonijiet hemm qedghin sa certu punt, pero' zgur li skond dak rikjest mill-gurisprudenza nostrana r-rekwiziti ma gewx soddisfatti, ghax ma jirrizultawx f'indizji cari u l-anqas m'hemm prezunzjonijiet.

L-attrici da parti taghha ukoll takkuza lill-konvenut li meta bdew il-problemi kien ikollu relazzjonijiet ma' diversi studenti li kien ighallem u li presentement qieghed f'relazzjoni ma' certu 56. Apparti li jekk illum huwa f'relazzjoni ma'  6, dan sehh wara li kienu *de facto* sseparati u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li dina r-relazzjoni kienet il-kawza ta' separazzjoni. L-istess in kwantu jirrigwarda d-diversi relazzjonijiet mal-istudenti, ma tressqu ebda indizji, jew prezunzjonijiet f'dan ir-rigward li jwasslu lil dina l-Qorti tiddeciedi a favur l-adulterju kommess fil-konfront tal-attrici.

**SEVIZZI U ECCESSI**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

In-nuqqas ta' fiducja da parti tal-konvenut, wassal sabiex gieghel lill-attrici taghmel minn kollox sabiex jafdaha u jerga' jikseb il-fiducja fiha. L-attrici tammetti li zbaljat u ddedikat ruhha b'gisimha kollha sabiex kemm jista' jkun tikkuntenta lill-konvenut. Cediet li taghmel xoghol li ma kienx jirrifletti dak li kienet kapaci tahdem, bhal meta hadmet bhala cleaner u bhala waitress Cordina u dan minhabba li l-konvenut kien gieghlha tifhem li peress li ma kinitx ilha hawn Malta ma setghetx tattendi l-Universita'. Kien biss iktar tard li l-attrici bdiet isegwi kors l-Universita' sabiex taghmel il-Masters.

Il-fiducja donnha nkisbet ghal xi zmien u kienu kuntenti fil-ftit snin wara li zzewwgu, meta l-attrici ghamlet hilitha sabiex tahdem u tiddeDika hin ghaliha u ghad-dar. Kien biss meta regghet bdiet tahdem li l-konvenut regghu bdewh gejjin is-suspetti li martu qiedgha f'relazzjoni mal-imghallem taghha, izda rrizulta li dan kien biss rizultat tal-imaginazzjoni u paranoia tieghu, kif spjegat iktar 'l fuq.

Mill-provi dina l-Qorti mhix konvinta kompletament li l-attrici kienet verament thobb lill-konvenut, ghax donnha dejjem baqghet skuntenta u donnha qatt ma rkurpat mir-relazzjoni li kellha mal-imghallem taghha tul l-gherusija. Dr.Peter Muscat, inkarigat minn dina l-Qorti, nehha ghal kollox il-possibilita' li kien hemm problemi psikologici da parti tal-attrici, kif ukoll tal-konvenut. Jattribwixxi l-problemi iktar mill-ansjeta'

li holqot l-attrici madwarha biex tikkonvinci lill-konvenut li xtaqet li r-relazzjoni tirnexxi.

Il-konvenut ipproduca diversi xhieda li kkonfermaw li ra certu agir tal-attrici li ma kienx konvincenti li kienet kuntenta. Kienet tixrob u dan gie kkonfermat minn koppja hbieb tal-kontendenti. Kienet bdiet tippostja fuq Facebook kontra l-konvenut u tghajjru li huwa abbuziv u narcissist u spiccat waqqghet f'dipressjoni meta kien intervjena habib tal-konvenut biex tieqaf kienet ammettiet li kienet qed tiehu gost taghmel dawn l-akkuzi, li fl-ahhar mill-ahhar ma gewx konkretizzati. Il-konvenut jichad li kien hemm dawn l-atti ta' vjolenza u l-istess dan huwa kkonfermat minn diversi hbieb u familjari tieghu. Madanakollu, fl-istess waqt, anke x-xhieda prodotti mill-attrici kollha jikkonfermaw li ukoll ghandha karattru stabbli u hija habbrieka u ddedikata ghal xogholha, tant li l-istudenti jhobbuha.

Il-konvenut stqarr li kienet ammettiet mieghu li snin ilu kienet tbati minn post traumatic stress disorder u mieghu kienet sabet wens, izda mill-assjem tal-provi jirrizulta li kien hemm episodji fejn l-konvenut kien ighajjar l-attrici, kif ukoll fl-istess waqt hi donnha ma tafx x'riedet mir-relazzjoni taghha u dejjem ippruvat isib zvog x'imkien iehor. Tammetti hi stess fil-posts li kienet tpoggi fuq Facebook li kienet qed thossha depressa, kif ukoll kienet stqarret mal-habiba taghhom OP li kienet qed thossha hekk.

Dina l-Qorti tosserva li l-kontendenti t-tnejn ikkontribew lejn l-isfaxx ta' dan iz-zwieg u dan minhabba sevizzi u eccessi ghax mill-gherusija r-relazzjoni taghhom giet ittimbrata bl-infedelta' tal-attrici u din l-istess infedelta' baqghet shaba kostanti fuq ir-relazzjoni u mbaghad fiz-zwieg taghhom, fejn il-konvenut baqa' insigur u dominanti fuq l-attrici u spicca li bdiet thossha ssoffokata.

Ghalhekk thoss li l-partijiet konguntivament huma responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg.

**KURA U KUSTODJA**

Meta dina l-Qorti trid tiddeciedi fuq kura u kustodja tat-tfal, il-principju ewlieni li fuqu ghandha timxi huwa l-interess suprem tal-minuri. Il-gurisprudenza nostrana kemm il-darba kkonfermat dan.

Il-kontendenti lkoll ipprezentaw ritratt sabih taghhom rispettivament sabiex jikkonvincu lil dina l-Qorti li huma l-genitur idoneju sabiex jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri.

Dr. Martha Travers-Tauss giet nominata bhala avukat tat-tfal, fejn, wara li tkellmet mat-tfal ikkonkludiet li t-tfal minuri ghandhom jibqghu jghixu ma' missierhom il-konvenut bl-access ghall-attrici, inkluz sleepovers. Din hija l-iktar xewqa tat-tfal, iridu jqattghu iktar hin ma' missierhom u di piu' jippreferu jghixu B'Kara milli B'Bugia u dan anke minhabba li ghandhom in-nanniet u l-kugini li joqoghdu vicin.

Irrispettivament minn dak li jixtiequ l-minuri, dina l-Qorti ghandha l-kompitu li ugwalment tevaluwa l-provi kollha li tressqu sabiex tiddeciedi jekk huwiex fl-ahjar interess taghhom li jmorru jghixu mal-konvenut.

Kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut ressqu diversi xhieda sabiex jikkonvincu lil dina l-Qorti li huma nies genwini, rispettuzi u empatici li huma diposti u akkost ta' kollox li jirbhu l-kura u kustodja tal-minuri. Gabu qraba, hbieb u kollegi sabiex jixhdu fuqhom u jibqghu jsahhu l-imagini taghhom.

Hemm diversi verzjonjiet kontrastanti. L-attrici tghid li l-konvenut qatt ma ppartecipa fl-edukazzjoni tat-tfal u mbaghad meta bdew bis-separazzjoni beda jinteressa ruhu u jimlihom bl-attivitajiet extrakurrikulari biex ma joqoghdux maghha. Il-konvenut da parti tieghu jinsisti li l-attrici, minkejja li tahdem fl-istess skola ma tantx tinteressa ruhha fit-tfal u tqatta' hafna hin fuq il-kompjuter, meta tkun maghhom u l-istess tfal jaghtu l-impressjoni li ghalkemm ikunu mal-attrici ma taqtax *quality time* maghhom.

Kollegi tal-attrici lkoll ikkonfermaw li l-attrici hija ddedikata ghal xogholha u anke l-istess headmistress tal-iskola kkonfermat li l-attrici kienet isegwi lit-tfal, kienu jmorru tajjeb l-iskola u anke kienu mizmumin tajjeb. Dina l-Qorti ssibha difficli li l-attrici ma taghtix kaz l-edukazzjoni ta' uliedha u dan meta tahdem fl-istituzzjoni skolastika.

L-attrici da parti taghha pprezentat diversi dokumenti sabiex tipprova li l-konvenut kien jittraskura lit-tfal u meta jkunu mieghu lanqas ma kienu jaghmel il-homework. Jistghu jkun traskruagni, jista' jkun pika, in ogni caso kull wahda minnhom mhix gustifikazzjoni. It-tfal dejjem ghandhom jgharrfu l-importanza tar-responsabbilita' taghhom u l-genituri m'ghandhomx jaffettwawhom bil-piki taghhom. Ta' thassib ukoll huwa l-fatt li l-headmistress ma lmentatx li kien hemm xi nuqqasijiet da parti tal-minuri.

Certament hemm in-nuqqasijiet da parti taz-zewg genituri, izda ciononostante, kif dejjem huwa l-kompitu ta' dina l-Qorti, ghandha thares dejjem l-interessi tal-minuri. Meta recentement, dina l-Qorti appuntat l-avukat tat-tfal sabiex tikkonsulta mal-minuri rrizulta li ghalkemm huma kuntenti jmorru ghand ommhom, jippreferu jghixu

ma' missierhom u jiltaqghu ma' ommhom fil-granet tal-access. Il-lokalita' hija ta' importanza ukoll u dan peress li B'Bugia huwa differenti ghalihom ghax gewwa B'Kara ghandhom il-kugini u n-nanniet. Ilmentaw ukoll li l-attrici, meta jkunu d-dar tghaddi hafna mill-hin taghha fuq il-kompjuter, minflok tilghab maghhom.

Saru wkoll allegazzjonijiet bhal li l-attrici riedet tiehu t-tfal ghand sahhara ghax iffissat li kien hemm sehta fuq il-familja.

Fuq kollox, mill-ahhar rapport tal-Avukat tat-Tfal jirrizulta li ghalkemm l-minuri urew il-preferenzi taghhom lejn il-missier, ma jirrizultax li hemm relazzjoni gravi mal-attrici, ghalkemm jidher li dan l-ahhar is-sitwazzjoni qalbet ghall-aghar u kien hemm allontament da parti tal-minuri. Il-konvenut stess ammetta li jixtieq li t-tfal ikollhom relazzjoni tajba ma' ommhom. Jekk verament hekk jixtieq, il-konvenut ghandu jieqaf jipprova joskura lill-omm quddiem it-tfal. Fil-fatt, iz-zewg partijiet ghandhom jieqfu minn dan l-agir. Minn mindu l-kawza thalliet ghas-sentenza, saru rikorsi biex jippruvaw jinfluwenzaw lill-Qorti, minghajr ma biss tressqu provi in sostenn tat-talbiet li saru. Mhux biss, izda saret pressjoni fuq l-Avukat tat-Tfal permezz ta' emails mill-avukat tal-konvenut biex tittiehed konjizzjoni ta' allegazzjonijiet li kien qed jaghmel l-istess konvenut fuq l-omm. Di fatti l-Avukat tat-Tfal hasset li kellha ggib dan kollu a konjizzjoni formali tal-Qorti permezz ta' rikors datat 18 ta' Ottubru, 2021. Il-Qorti ticcensura din l-imgieba, li fil-fehma taghha izjed issahhah it-tezi tal-kontro-parti, u ghalhekk il-Qorti ma tistax tibbaza d-decizjoni taghha fuq dan ir-rapport.

Tenut kont ta' dan kollu, ikun opportun li l-kura u kustodja tal-minuri xorta tkun wahda kongunta, b'dan li r-residenza permanenti taghhom tibqa' mal-omm u l-access ghall-missier jigi ezercitat kif miftiehem bejn il-partijiet skond in-nota kongunta datata 12 ta' Frar 2019.

**SAFAR**

Il-preokkupazzjoni principali tal-konvenut huwa li l-attrici titlaq minn Malta bit-tfal peress li mhix Maltija u fl-istess hin lanqas hu gust li t-tfal ghandhom ibatu u ma jivvjaggawx. Ikun oppportun ghalhekk li fic-cirkostanzi, jinhareg passport li jkun limitat ghad-dati ta' dik is-safra kull darba li l-partijiet jkunu ser isiefru mat-tfal ghall-perjodu li ser idumu vaganza, b'dana li l-partijiet ghandhom jinformaw lil xulxin fejn ser jkunu qeghdin, bin-numru tat-telefon u t-tfal ghandhom tal-anqas jaghmlu kuntatt telefoniku mal-genitur l-iehor almenu darba kuljum.

In ogni caso, jekk il-konvenut ghandu suspetti li l-attrici ser tahrab bit-tfal, dejjem ghandu rimedji ohra fil-ligi.

**MANTENIMENT**

Bhala manteniment lejn xulxin dan mhux dovut, stante l-fatt li l-kontendenti t-tnejn jahdmu u jaqilghu l-paga taghhom. Jibqa' ghalhekk xi jigi kkunsidrat il-manteniment ghat-tfal minuri.

Skond dak li diga' gie deciz, il-kura u kustodja ghandha tkun wahda kongunta, bir-residenza permanenti taghhom mal-omm. Skond il-mezzi tieghu kull genitur ghandu l-obbligu li jikkontribwixxi ghall-uliedu. L-attrici qed tippretendi, li kieku t-tfal ghexu maghha permanentement, li l-konvenut ghandu jhallasha s-somma ta' €300 kull xahar ghal kull wild. Pero' qed titlob li jkun hemm minflok lumpsum payment, li jinkudi fih is-sehem taghha lejn l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.

Tenut kont li z-zewg genituri qed ikollhom hafna hin mal-ulied, u tenut kont li t-tnejn li huma jidhru li huma genituri "hands on" mat-tfal, il-

Qorti tifhem li t-tnejn ser jhallsu ghall-bzonnijiet ta' uliedhom. Fic-cirkostanzi, jkun adegwat li l-manteniment jkun il-minimu u ghalhekk tafferma li l-ammont ta' €200 ghal kull wild, li ghandu jinkludi fih s-sehem tal-konvenut ghan-nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-kontendenti kienu waqfu l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom wara li nghatat sentenza parzjali fil-25 ta' Mejju, 2017.

Il-konsistenza tal-komunjoni hija minima, stante li d-dar matrimonjali hija parafernali ghall-konvenut.

i) Hemm il-kontijiet bankarji li huma minimi u kulhadd ghandu jzomm tieghu, flimkien mal-konsistenza tal-istess;

ii) Hemm zewg vetturi l-vettura b'numru ta' registrazzjoni IBP 907 li juza' l-konvenut, filwaqt li l-attrici zzomm il-vettura b'numru ta' registrazzjoni JBB 363. L-attrici tikkontendi li ghandha tinghata €6, 000 bhala sehemha minn dina l-vettura tal-konvenut li tiswa' €12,000, pero' ma ngabux provi in sostenn ta' dan u ghaldaqstant, dina l-Qorti tiddeciedi li kulhadd ghandu jzomm il-vettura tieghu.

    L-attrici qed tippretendi ukoll li hemm kreditu fil-komunjoni ta' €26,000 dovuti minn missier il-konvenut, kif ukoll ghandha tithallas lura s-somma ta' €35,000, liema flus hija allegatament ghaddiet lill-konvenut sabiex ihallas lura s-self li kienu hadu minghand missieru sabiex ilesti l-fond matrimonjali.

Mir-rizultanzi processwali, dina l-Qorti ma tistax tikkonkludi li kien hemm xi kreditu dovut minn missier il-konvenut u dan iktar u iktar meta xehed u l-attrici lanqas biss ghamlitlu kontro-ezami biex tipprova dan.

L-attrici rriteniet ukoll li hi kienet tghaddi l-paga taghha kollha lill-konvenut li jinnega da parti tieghu, li kienet tikkontribiwxxi ghall-ispejjes tal-kontijiet u anke ghall-ispejjes tat-tfal. Pero' l-attrici hawnhekk qed tirreferi ghaz-zmien meta kienu ghadhom bla tfal u ma setghetx tkompli bl-istudji taghha u kienet ghalhekk ghamlet tlett snin tahdem Cordina u kienet tghaddilu l-paga kollha. Ma hemm xejn x'jindika li dawn il-flus, jekk dina l-Qorti kellha temmen il-verzjoni attrici, marru ghall-hlas ta' dan is-self, iktar u iktar, meta d-dar matrimonjali hija parafernali ghall-konvenut u ghalhekk semmai s-self ittiehed ghalih biss u l-hlasijiet kienu saru mill-flus tieghu biss.

Ghaldaqstant, il-pretenzjonijiet tal-attrici f'dan ir-rigward m'ghandhomx jigu milqugha.

## DAR MATRIMONJALI

Dwar id-dar matrimonjali u cioe' gie kkonfermat li dina hija parafernali. L-attrici pero' pprovdiet diversi rcevuti bhala provi li kienu xtraw xi oggetti mobbli li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti.

Ghandu jsir elenku ta' dawn il-mobbli li jinstabu fid-dar matrimonjali, b'dan li l-konvenut ghandu jghaddu sehemhu lill-attrici wara li l-avukati bejniethom jaghmlu stima tal-istess oggetti mobbli.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi :-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte u dan peress li zzomm kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut responsabbli ghas-separazzjoni minhabba sevizzi u eccessi;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici in parte u dan peress li l-kura u kustodja ghandha tkun wahda konguntiva, filwaqt li l-access ghandu jigi ezercitat skond kif deciz iktar 'l fuq;

3. Tilqa' t-tielet talba u takkorda access lill-konvenut versu l-minuri skond ma kien gie indikat fin-nota konguntiva datata 12 ta' Frar 2019;

4. Tilqa' r-raba' talba limitatament kwantu manteniment ghall-minuri kif hawn fuq spjegat;

5. Tichad il-hames talba attrici;

6. Tilqa' s-sitt talba  u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni kif fuq deciz.

7. Tichad is-seba' talba attrici peress li ma tirrizultax proprjeta' parafernali.

   L-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella** **Deputat Registratur**